REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 45/2009

tat-18 ta' Diċembru 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1339/2001 li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1339/2001 [1] l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 [2] ġiet estiża għall-Istati Membri li mhumiex l-Istati Membri parteċipanti elenkati fir-Regolament (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro [3].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2001 ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 44/2009 [4]. Madankollu, jeħtieġ li l-euro jiġi protett ukoll f'dawk l-Istati Membri li m'adottawhx bħala l-valuta unika u huwa kunsiljabbli li jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan, b'rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2001 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1339/2001 huwa sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 1*

L-applikazzjoni tal-Artikoli 1 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 kif ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 44/2009 (*) hija b'dan estiża għall-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom.

(*) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BARNIER

[1] ĠU L 181, 4.7.2001, p. 11.
[2] ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.
[3] ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap 10, Vol 1, p. 111).
[4] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.